MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2015

Numru. 637/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs**

**GIAN NICOLA CURSOLI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **GIAN NICOLA CURSOLI,** iben Giacomo u Corinne nee' Dumont, imwieled Puglia, Italja nhar it-18 ta' April 1974 u residenti gewwa 14, Triq San Frangisk Saverju, Birzebbugia u detentur ta' dokument b'numru AT5140175 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Nhar it-3 ta' Awwissu 2015 ghall-habta tat-3.30 ta' filghodu minn gewwa Country Style, il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia kkommetta serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal €4,053.86 ghad-detriment ta' Carmelo Barbara detentur tal-karta tal-identita' b'numru 533943M u Frans Barbara detentur tal-karta tal-identita' b'numru 366159M liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-hin.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom statement u vera kopja tac-cittadinanza tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-12 ta' Awwissu 2015 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Mark Busuttil, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' recidiva li ma tirrizultax lill-Qorti.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga' lura

minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-12 ta' Awwissu 2015.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li r-resfurtiva ma gietx ritornata ghalkemm l-imputat ikkoopera maghha u li l-imputat hawn Malta ghandu fedina penali netta.

Il-Qorti tqis li l-imputat ghamel dak li ghamel bi hsieb u mhux f'xi mument ta' nuqqas ta' hsieb izda kollox kien premeditat u ghalhekk thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva, molto piu' meta tqis li l-imputat ma rritornax il-flus li seraq izda uzahom biex ihallas il-kera tal-post fejn kien qed jirrisjedi, li hu indikattiv li l-imputat huwa indigenti.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 261(b)(c)(d)(f), 263(a), 267, 268(d), 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat GIAN NICOLA CURSOLI hati tal-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah hamsa u ghoxrin (25) xahar prigunerija effettivi.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------